31999R2760



# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2760/1999

## tat-22 ta' Diċembru 1999

## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3149/92 li jipprovdi regoli dettaljati għall-provvista ta' ikel minn ħażniet ta' ntervent għall-benefiċċju ta' persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 ta' l-10 ta' Diċembru 1987 li jipprovdi regoli ġenerali għall-provvista ta' ikel minn ħażniet ta' ntervent lill-organizzazzjonijiet nominati għat-tqassim lill-persuni l-aktar fil-bżonn fil-Komunità [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2535/95 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tiegħu

Billi:

(1) l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 267/96 [4], jipprovdi regoli dettaljati għal inviti għall-offerta bl-appalt fl-Istati Membri bil-ħsieb ta' l-implimentazzjoni tal-pjan annwali. Għandu jiġi dikjarat espliċitament li dawn l-inviti għandhom jinkludi id-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa dwar it-twassil tal-provvisti u dispożizzjoni għandha ssir biex jiġi aġġustat il-ħlas għalihom bażat fuq il-konformità jew le mal-ħtiġiet preskritti;

(2) l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 jistipula illi l-ispejjeż ta' trasport għandhom jiġu rimburżati fuq il-bażi ta' rati uniformi ffissati fl-L-Anness li jinsab ma' dan ir-Regolament. Fid-dawl ta' l-esperjenza dak l-iffissar m'għadux aktar japplika u l-ispejjeż tat-trasport għandhom jiġu rimburżati fuq il-bażi ta' l-ispejjeż reali debitament ġustifikati stabbiliti fuq il-bażi ta' proċedura ta' invit għall-offerta bl-appalt taħt l-Artikolu 4(3) tar-Regolament imsemmi hawn fuq. Għandu jiġi speċifikat, iżda, li r-rimburżar ta' l-ispejjeż ta' trasport bejn iċ-ċentri tal-ħażna ta' l-organizzazzjoni tal-karità u l-post tad-destinazzjoni finali huwa effetwat fuq il-bażi ta' prova sostnuta;

(3) jekk il-prodotti meħtieġa biex jimplimentaw il-pjan ma jkunux disponibbli fi Stat Membru wieħed jew aktar, trasferimenti intra-Komunitarji ta' prodotti maħżuna għandhom jiġu organizzati skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92. Biex l-immaniġġar jiġi aktar simplifikat, dawn it-trasferimenti għandhom jiġu organizzati fil-bidu ta' l-eżerċizzju annwali u dispożizzjonijiet għandhom isiru għall-aġġustamenti xierqa;

(4) għall-għanijiet ta' konteġġi tal-FAEGG Sezzjoni ta' Garanzija, il-valur tal-konteġġi taċ-ċanga minn ħażniet ta' intervent huwa l-prezz ta' ntervent suġġett għall-koeffiċjenti iffissati għall-qatgħat varji. Dawn il-koeffiċjenti huwa meħtieġ li jiġu emendati fuq il-bażi jew bidliet fil-koeffiċjenti ta' konverżjoni wżati għall-qatgħat varji, speċjalment taħt offerti għall-appalt miftuħa biex jimmaniġġaw is-suq f'dawn il-prodotti;

(5) għandha tinġibed l-attenżjoni ta' l-obbligazzjoni ta' l-Istati Membri' biex jieħdu l-passi meħtieġa biex jiżguraw li l-pjan annwali jitwettaq kif imiss, u biex jantiċipaw u jippenalizzaw irregolaritajiet innotati matul il-provvista tal-provvisti;

(6) il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjonijiet tal-kumitati ta' ġestjoni konċernati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KEE) Nru 3149/92 huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 5 li ġej qiegħed jiżdied ma' l-Artikolu 4:

"5. L-inviti għall-offerta bl-appalt għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet meħtieġa dwar l-operazzjoni ta' provvista, speċjalment fir-rigward tal-kwalità tal-prodotti, l-ippakkeġġar u l-immarkar. Għandhom jinkludu wkoll dispożizzjoni fis-sens illi jekk il-kwalità, l-ippakkeġġar jew l-immarkar tal-prodotti innutati fiż-żmien iffissat għall-provvista tagħhom ma jkunux jikkorrispondu eżattament ma' dak li kien stipulat, iżda ma jipprevjenix li l-oġġetti jiġu aċċettati għall-użu maħsub tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw tnaqqis meta jikkalkolaw l-ammont li għandu jitħallas."

2. L-Artikolu 6(1) huwa sostitwit bi:

"1. Fuq l-applikazzjoni debitament sostanzjata lill-awtorità kompetenti ta' kull-Istat Membru, l-organizzazzjonijiet tal-karità maħsuba biex iqassmu il-prodotti għandhom jiġu rimburżati għall-ispejjeż tat-trasport fuq it-territorju ta' l-Istat Membru bejn iċ-ċentri tal-ħażna ta' l-organizzazzjonijiet tal-karità u l-punti ta' tqassim lill-benefiċjarji."

3. L-Artikolu 6(2) huwa mħassar:

4. L-Artikolu 7(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Meta prodotti nkluži fil-pjan ma jkunux disponibbli mill-intervent fl-Istat Membru fejn dawk il-prodotti huma meħtieġa, il-Kummissjoni għandha tawtorizza, skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 6 tar-Regolament (EEC) Nru 3730/87, it-trasferiment tal-prodott in kwistjoni minn Stat Membru li fih ikun preżenti fil-ħażniet ta' ntervent lill-Istat Membru fejn għandu jiġi wżat biex jimplimenta l-pjan.

[1] ĠU L 352, tal-15.12.1987, p. 1.
[2] ĠU L 260, tal-31.10.1995, p. 3.
[3] ĠU L 313, tat-30.10.1992, p. 50.
[4] ĠU L 36, ta' l-14.2.1996, p. 2.

L-Istat Membru li jirċievi l-prodotti għandu jippubblika jew ikun ippubblika invit għall-offerta bl-appalt biex jistabbilixxi l-aktar kondizzjonijiet favorevoli għall-provvista. In-nefqa tat-trasport intra-Komunitarju għandu jkun suġġett għal offerta bl-appalt mibgħuta f'valur ta' flus u m'għandux jitħallas fi prodotti. L-Artikolu 4(4) għandu japplika fil-kuntest ta' dan l-invit għall-offerta bl-appalt."

5. L-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 7 hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-ispejjeż ta' trasport intra-Komunitarju għandu jinġarr mill-Komunità u jitħallas lura lill-Istat Membru."

6. It-tielet paragrafu li ġej huwa miżjud ma' l-Artikolu 9:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jisguraw li l-pjan jiġi mplimentat kif imiss u li jantiċipaw u jippenalizzaw irregolaritajiet. Għal dan il-għan jistgħu jissospendu l-parteċipazzjoni ta' l-operaturi fil-proċedura ta' l-offerti bl-appalt, skond il-gravità tan-nuqqasijiet jew irregolaritajiet osservati fit-twettiq ta' l-operazzjoni ta' qabel tal-provvista jew attivitajiet komparabbli oħra."

7. L-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ANNESS

A. Koeffiċjenti li għalihom jirreferi l-Artikolu 5: ħażniet ta' ntervent bla għadam:

— kwarti ta' quddiem: 0,35;

— kwarti ta' wara: 0,50.

B. Koeffiċjenti li għalihom jirreferi l-Artikolu 5: ħażniet ta' ntervent bla għadam:

| Koeffiċjenti | Stati Membri | | |
|---|---|---|---|
| | Danimarka | Franza | Irlanda |
| 2,0 | Mørbrad | Filet | Fillet |
| 1,3 | Filet | Faux-filet | Striploin |
| 1,0 | Inderlår | Tranche | Topsides |
| 0,7 | Yderlår | Semelle | Silversides |
| 0,7 | Klump | Tranche grasse | Thick flank |
| 0,7 | Tyksteg | Rumsteak | Rumps |
| 0,7 | Entrecôte | Entrecôte | Forerib |
| 0,5 | Oħrajn | Oħrajn | Oħrajn" |

8. L-Anness II qiegħed b'dan jitħassar.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1999.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*